# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum l-20 t' Ottubru 2020**

Appell numru 136 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Keith Joseph MALLIA**
**Mario MALLIA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Marzu 2018 fil-konfront ta' Keith Joseph MALLIA detentur tal-karta tal-identità bin-numru 148471M u Mario MALLIA detentur tal-karta tal-identita bin-numri 19998M fejn ġew mixlija talli fit-22 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tal-1630 ġewwa Triq Troubridge, il-Marsa (in suċċint) ikkommettew:

i. tentattiv ta' serq kwalifikat bil-mezz, valur u ħin għad-dannu ta' John A Muscat u/jew persuni oħra;
ii. dħul b'qerq fi proprjeta bi ksur tal-artikolu 330 tal-Kodiċi Kriminali;
iii. ħsara volontarja ai termini tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali;
iv. Pussess mhux ġustifikat ta' flus, oġġetti, eċċ., meta kienu ġa ikkundannati għal serq jew għal riċettazzjoni bi ksur tal-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre Keith Joseph Mallia waħda ġie mixli li :

a. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAP 986 tal-għamla Isuzu meta kellha l-liċenza skaduta bi ksur tal-artikoli 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta nonche r-regolament 13 tal-Liġi Sussidjarja 368.02;
b. Ikkommetta r-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża datata 13 ta' Mejju 2015 per Maġistrat Dottor Neville Camilleri kif estiża b'sentenza datata 19 ta' Lulju 2016 mill-Maġistrat Dottor Francesco Depasquale;
c. Kiser il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilu b'digriet :
    - tal-Maġistrat Dottor Neville Camilleri tal-4 ta' Marzu 2013;
    - tal-Maġistrat Dottor Carol Peralta tat-22 ta' Lulju 2015;
    - tal-Maġistrat Dottor Gabriella Vella tat-3 ta' Diċembru 2015;

- tal-Maġistrat Dottor Audrey Demicoli tat-12 ta' Jannar 2016;

d. li rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali .

Mario MALLIA waħdu ġie wkoll mixli illi :

a. kiser ordni ta' probation mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza datata 11 ta' Marzu 2015 per Maġistrat Dottor Anthony Vella;
b. ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrat b'sentenza datata 12 ta' Jannar 2017 per Maġistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo;
c. kiser il-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lilu b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fit 12 ta' Jannar 2016 per Maġistrat Dottor Audrey Demicoli;
d. talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

v. Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lil ħati wkoll għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Flimkien mal-piena li tordna r-revoka tal-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, li tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputati kif ukoll tordna li s-somom bħala depożiti u garanziji personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali;

vii. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAP 986 ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali;

viii. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' John Muscat ai termini tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-

   (a) Keith Joseph MALLIA :-

      (i) mhux ħati tat-tielet imputazzjoni; u

      (ii) wara li rat l-artikoli 28C, 41, 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 287, 325(1)(c), 533 u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13 tal-Liġi Sussidjarja 368.02 u l-artikolu 23 tal-kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni bl-aggravju biss tal-valur, tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni u sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha li fihom ġie akkużat waħdu u kkundannatu għall-piena komplessiva ta' **tliet snin priġunerija**.

      (iii) Inoltre wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kodiċi Kriminali ordnat li s-sentenza mogħtija kontra Keith Joseph MALLIA fid-19 ta' Lulju 2016 ta' tmintax il-xahar priġunerija tiġi fis-seħħ stante li r-reati kommessi f'dan il-każ kienu ġew kommessi matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża. Rigward is-sentenza estiża fid-

19 ta' Lulju 2016 kif mogħtija minn dik il-Qorti fid-9 ta' Ġunju 2015 ta' xahar priġunerija sospiża għal sentejn u minħabba li r-reati li dwarhom instab ħati l-imputat ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza ordna li tiġi fis-seħħ immedjatament.

(iv) Wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali qieset li Keith Joseph MALLIA wettaq ir-reat bi vjolazzjoni tad-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest u ordnat li l-ammonti stabbiliti fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u b'hekk ordnat li l-ammont ta' dsatax il-elf u ħames mitt euro (€19,500) jiġu konfiskati kif jirriżulta mid-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati datati 4 ta' Marzu 2013; 22 ta' Lulju 2015; 3 ta' Diċembru 2015 u 12 ta' Jannar 2016 kif ukoll ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat taħt dawk id-digrieti;

(v) Inoltre ordnat ukoll il-konfiska tal-vettura Isużu KB bin-numru tar-reġistrazzjoni JAP 986.

B'hekk Keith Joseph MALLIA ġie b'kollox ikkundannat għal perjodu t'**erba' snin u seba' xhur priġunerija**.

(b) Mario MALLIA :

(i) Mhux ħati tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet;

(ii) U wara li rat l-artikoli 28C, 41, 261(b)(c)(f)263(a), 267, 270, 287, 325(1)(c), 533, 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil Mario MALLIA ħati tal-ewwel imputazzjoni bl-aggravju biss tal-valur u t-tieni imputazzjoni;

(iii) Ma sabitux ħati kiser ordni ta' probation mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza datata 11 ta' Marzu 2015 per Maġistrat Dottor Anthony Vella u li rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

(iv) Iżda sabitu ħati li kkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrat b'sentenza datata 12 ta' Jannar 2017 per Maġistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo; kif ukoll li kiser il-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lilu b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fit 12 ta' Jannar 2016 per Maġistrat Dottor Audrey Demicoli u ikkundannatu għall-piena ta' **tmintax il-xahar priġunerija**.

(v) Inoltre wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kodiċi Kriminali ordnat li s-sentenza mogħtija kontra Mario MALLIA fit-12 ta' Jannar 2016 ta' ħmistax il-xahar priġunerija sospiżi għal sentejn

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tiġi fis-seħħ in kwantu r-reati li dwarhom ġie misjub ħati ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

B'hekk Mario MALLIA ġie kkundannat għal-perjodu komplessiv ta' **sentejn u disa' xhur priġunerija**.

(vi) Il-Qorti qieset ukoll li ma setgħetx tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni dwar il-ksur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuq Mario MALLIA b'sentenza tal-11 ta' Marzu 2015 minħabba li l-Prosekuzzjoni ma pproduċietx sentenza f'dawn l-atti.

(vii) Wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali qieset li Mario MALLIA wettaq ir-reat bi vjolazzjoni tad-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest u ordnat li l-ammonti stabbiliti fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u b'hekk ordnat li l-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) jiġu konfiskati kif jirriżulta mid-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati datat 12 ta' Jannar 2016 kif ukoll ordnat ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat taħt dawk id-digriet.

3. Illi minn din is-sentenza, Keith Joseph MALLIA u Mario MALLIA appellaw fejn essenzjalment talbu r-riforma tas-sentenza appellata

billi din il-Qorti tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti mhux ħatja filwaqt li tħassarha fejn sabithom ħatja u tiddikjarahom mhux ħatja jew alternattivament billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta u dan għar-raġunijiet li (in suċċint) huma :

*(a)* Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Kien hemm nuqqas ta' provi li juru li f'dan il-każ l-azzjoni tal-appellant kienet laħqet il-livell ta' tentattiv ta' reat tas-serq. L-appellanti ma kienux fil-fond in kwistjoni biex jisirqu iżda sabiex jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom. Il-provi tal-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu biss *f'chiller* li kien imċaqlaq u xi żejt u grif li deher frisk għall-Pulizija li marru fuq il-post. Dawn il-Pulizija qalu li semgħu ħsejjes ta' tkaxkir ġej minn ġewwa; iżda l-Pulizija ma vverifikawx xi ħsejjes kienu jagħmlu *chillers* meta jiġu imċaqilqa. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova meta dawn ic-*chillers* ġew imċaqalqin. Inoltre l-anqas ma l-Pulizija qagħdet tistennihom ħerġin mill-fabbrika biċ-*chillers* jew b'affarijiet oħra. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

*(b)* F'dan il-każ, dawn iċ-chillers kienu jikkostitwixxu *res derelictae*. Dawn l-oġġetti kienu ġew abbandunati minn sidhom. Fil-fatt meta xehed John A. Muscat, dan qal li l-fabbrika de quo kienet ilha abbandunata mill-1985 u li din ma kienetx imsakra. L-affarijiet li kien hemm fiha kienu wkoll ser jitneħħew u jintremew. Fil-fatt huwa kien qabbad

kuntrattur biex ikun jista' jikklerja l-istess fabbrika u l-oġġetti ta' ġol-fabbrika kienu ser jiġu mormija.

*(c)* Dwar l-imputazzjoni li l-vettura JAP 986 kienet bil-liċenza skaduta ħadd mill-Pulizija ma jikkonferma li ra lil xi ħadd mill-appellanti jsuq dan il-vann. Keith Joseph MALLIA m'ammettiex li huwa kien saq dan il-vann. Mill-banda l-oħra Mario MALLIA qal li dan il-vann kien ġie misjuq minn missieru. Iżda dak li Mario MALLIA stqarr fl-istatement tiegħu ma setgħax jittieħed bi prova kontra l-ko-imputat Keith Joseph MALLIA.

*(d)* Inoltre l-imputazzjoni relattiva dwar il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest ma setgħet qatt tiġi ritenuta integrata. Qabel xejn biex dawn setgħu jitqiesu integrati il-Qorti riedet tqis lill-appellanti ħatja tar-reat tat-tentattiv tas-serq. Iżda jekk dik il-Qorti kienet setgħet tasal sa dak il-punt, il-Prosekuzzjoni xorta naqset li tipprova l-identita tal-persuni li imsemmija fid-digrieti preżentati fl-atti. L-anqas ma inġiebet il-prova li l-proċeduri de quo kienu għadhom fis-seħħ u kurrenti fiż-żmien ta' meta seħħew l-allegati reati.

*(e)* Il-piena inflitta kienet ħarxa wisq tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u din kellha tiġi mibdula b'piena aktar ekwa u ġusta.

4. Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u rat l-atti u d-dokumenti kollha.

*Ikkunsidrat*

5. Illi qabel xejn jiġi nnotat li fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati sabet lil Keith Joseph MALLIA u lil Mario MALLIA ħatja tar-reat imsemmi fit-tieni imputazzjoni u ċjoe d-dħul b'qerq fi proprjeta bi ksur tal-artikolu 330 tal-Kodiċi Kriminali. Jirriżulta wkoll li dan l-artikolu tal-Liġi ma ġiex iċċitat mill-Qorti fil-parti dispożittiva tas-sentenza u l-anqas almenu fil-parti li kienet titratta l-motivazzjonijiet tas-sejbien ta' ħtija. Kif ġie deċiż minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Anthony Zahra*** tas26 ta' Mejju 1994 meta l-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha ma tiċċitax l-artikolu tal-Liġi li joħloq ir-reat u li tiegħu l-imputat ikun ġie misjub ħati, dan in-nuqqas jitqies nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens tas-subartikolu 3 tal-Kapitolu 428 tal-Kodiċi Kriminali liema nuqqas, skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, jista' jiġi ssollevat mill-Qorti *ex officio* anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullità tas-sentenza.

6. Għalhekk din il-Qorti qed tħassar u tannulla s-sentenza appellata u fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, ser tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża fuq il-meritu u tqis l-aggravji imresqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell bħala sottomissjonijiet fil-meritu tal-każ.

*Ikkunsidrat*

7. Illi nhar it-22 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tal-1600 daħlet telefonata anonima lill-Pulizija li biha ġew informati li kien hemm xi persuni li daħlu f'fabbrika abbandunata u ħaseb li kienu qegħdin jippjanaw xi serqa. Il-Pulizija li marru fuq il-post sabu l-bieb tal-fabbrika, ċjoe bieb ta' *garage* li kien magħluq b'biċċa fildiferru. Minn ġewwa bdew jisimgħu xi ħsejjes t'oġġetti jiċċaqilqu. Kif daħlu sabu lil Keith Joseph MALLIA u ftit wara raw ukoll lil Mario MALLIA hemm ġew. Il-Pulizija raw li kien hemm xi pellets mal-art kif ukoll li kien hemm xi *chillers* għadhom imwaħlin mal-ħajt. Apparti dan ma kien hemm xejn fil-fabbrika. Biss kien hemm chiller minnhom li kien mal-art ukoll u taħtu innutaw li kien hemm sinjali ta' tkaxkir kif ukoll xi qtar ta' likwidu skur li deher frisk ħiereġ minn wieħed mill-pajpijiet li kellu dan ic-*chiller* li kien mal-art. L-appellanti MALLIA stqarrew li huma kienu f'dak il-post biex jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom. Wara li ġew arrestati u mogħtija d-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt tal-assistenza legali, huma rrilaxxjaw stqarrijiet. Sussegwentement huma ġew imresqin il-Qorti taħt arrest.

*Ikkunsidrat*

8. Ix-xiehda prinċipali tal-Prosekuzzjoni f'dan il-każ huma l-Pulizija li marru fuq il-post, jiġifieri PS1257 Carlo Ellul kif ukoll PC1216 Svetlic Stellini kif ukoll wieħed mis-sidien ta' din il-fabbrika, John A. Muscat.

9. Kwantu għax-xiehda tal-Pulizija jirriżulta li PS1257 Carlo Ellul jgħid li kien daħal rapport anonimu li kien hemm xi nies f'fabbrika f'Albert Town u huwa u xi kollegi tiegħu marru fuq il-post għall-ħabta tal-1630. Meta waslu fuq il-post fi Triq Troubridge, f'Albert Town, il-Marsa, huwa ra li kien hemm dil-fabbrika li ma kienetx għadha tintuża. Kien hemm bieb ta' *garage* **li kien jingħalaq b'biċċa fildiferru**. Minn ġewwa semgħa ħsejjes ta' tkaxkir. Kif daħal ġewwa huwa ħareġ Keith Joseph MALLIA. Dan qallu li kienet qabditu **faċenda.** Dan qal li huwa kien waħdu hemmhekk. Iżda meta PS1257 daħal iktar il-ġewwa sab li kien hemm ukoll Mario MALLIA li kien f'rokna, qiegħed kokka fuq pellet tal-injam bil-qalziet imniżżel. Ħdejn Mario MALLIA, mal-art, kien hemm *chiller*. Mas-saqaf kien hemm xi sitta oħra. Ħdejn daċ-*chiller* li kien mal-art huwa ra' grif, li deher frisk, u kien hemm żewġ dbabar ta' likwidu li kien ħiereġ mill-*pipes* li kellu dan iċ-*chiller* li kien mal-art. Sadattant Keith Joseph MALLIA kien baqa' jgħid li huwa kellu faċenda u mar f'rokna fejn għamel il-bżonnijiet tiegħu. Meta Mario MALLIA lesta milli kien qiegħed jagħmel, dan ix-xhud mar fir-rokna fejn kien hemm Mario MALLIA iżda jgħid li huwa ma sabx ħmieġ mal-art. Dan ix-xhud jgħid li huwa ra xi likwidu mal-art u ssuspetta li din kienet awrina.

10. Fuq barra kien hemm vann tal-marka Isużu KB, aħmar. Jgħid li huwa kien jaf li dan il-vann kien jużah Keith Joseph MALLIA – għalkemm dan kien jirriżulta reġistrat fuq missieru Emanuel Mallia.

11. PS1257 iżid li l-fabbrika in kwistjoni kienet abbandunata u vojta. Kull ma kien hemm fiha kienu dawn iċ-*chillers* imwaħlin mal-ħajt, dak iċ-*chiller* li kien mal-art u xi erba' pellets tal-injam. **<u>Fuq il-post ma sab ebda għodda</u>**. Huwa minn naħa tiegħu ma għamilx tfitxija fil-vann.

12. Dan ix-xhud jikkonferma li meta wasal fuq il-post huwa semgħa biss ħsejjes ta' tkaxkir f'dan il-*garage* li wara rriżulta li kien vojt, għajr ħlief għall-oġġetti imsemmija aktar il-fuq. Huwa jgħid li l-ħoss li semgħa ma kienx ta' pellet tal-injam, iżda kien ħoss ta' metall jitkaxkar mal-art. Jgħid ukoll li t-tkaxkira kienet eżatt mat-tarf taċ-*chiller* li kien mal-art. Din il-fabbrika kien fiha żewġ kmamar kbar. Keith Joseph MALLIA kien madwar xi sitt passi l-bogħod minn dan iċ-*chiller*. PS1257 ma ċaqlaqx dan iċ-*chiller* u hu ma kienx jaf x'ħoss jagħmel dan iċ-*chiller* meta jiġi mċaqlaq. Biss saħaq li huwa kien jaf jagħraf id-differenza bejn ħoss ta' ċaqlieq ta' biċċa injama u ħoss ta' ċaqlieq ta' xi ħaġa tal-metall.

13. PC1216 Svetlic Stellini jixhed fatti simili għal dawk ta' PS1257. Għalkemm huwa ma semgħax il-ħsejjes ta' tkaxkir għax kien xufier u ried li jmur jipparkja l-vettura tas-servizz, huwa ra li l-bieb tal-*garage* kien kulur *cream*. Huwa ra li kien hemm *chiller* mal-art u li kien hemm ukoll sinjali friski kif ukoll dwawar ta' ilma jew żejt ħiereġ minnu. Fil-pront ħareġ Keith Joseph MALLIA u qalilhom li kien qiegħed hemm għax ried jagħmel *toilet* u ma felaħx iżomm aktar. Huwa qal li kien waħdu hemm ġew. Dak il-ħin Keith Joseph MALLIA kien għadu ma bediex jagħmel il-bżonnijiet tiegħu.

14. PC1216 jikkonferma wkoll li f'rokna minnhom kien hemm Mario MALLIA li kien qiegħed fuq pellet bil-qalziet imniżżel u li kien qiegħed jagħmel il-bżonnijiet tiegħu. Wara li stennewhom ilestu l-bżonnijiet tagħhom huma ġew arrestati. Mario MALLIA qal lil PC1216 li huwa kellu biċċa *tissue,* li qal li kien fiha l-ħmieġ. Qalulhom li kienu hemmhekk bil-vettura tagħhom – vann tal-marka Isużu, li kien imsakkar. Keith Joseph MALLIA għalaq il-vann u wara li għalqu l-bieb tal-*garage* bil-*wire*, tellgħuhom l-Għassa tal-Pulizija.

15. PC1216 ikkonferma li l-liċenza ta' din il-vettura kienet skaduta bi tnejn u għoxrin ġurnata u li kien imissha l-VRT. Huwa għaraf ir-ritratt relattiv għal din il-vettura. Għaraf ukoll ir-ritratti li kienu juru l-pellet tal-injam li fuqu kien hemm Mario MALLIA, kif ukoll ir-ritratt taċ-*chiller* li kien xi ħames metri l-bogħod. Ikkonferma wkoll il-grif li kienu saru u li kienu pjuttost friski kif ukoll id-dwawar li kienu ħerġin miċ-*chiller*.

16. John A. Muscat xehed li din il-fabbrika antikament kienet tintuża bħala *cold stores*. Dan kien negozju ta' *cold stores* tal-familja tiegħu, iżda kien f'isem kumpanija. Huwa kien azzjonist ta' ħamsin fil-mija (50%) ta' waħda mill-kumpaniji li kellha sehem f'dan in-negozju. Il-kumplament tal-ishma kienu ta' ħuh. L-aħħar li kien mar fil-fabbrika kien madwar xi erba' jew sitt xhur qabel. Riċentement kien hemm xi diviżjoni u ħadu s-sehem minn familja oħra. Kienu applikaw biex iwaqqgħu dan il-fond u jerġgħu jibnuh.

17. Dan il-fond kien jingħalaq b'bieb **li ma kienx jissakkar** iżda li kien jingħalaq b'biċċa fildiferru. Il-post kien ilu ma jintuża għal madwar tletin sena. John A. Muscat jgħid li għalih, l-affarijiet li kien hemm ġewwa dan il-*garage* kienu *scrap*. Biss mistoqsi mill-Qorti tal-Maġistrati jekk hu jew xi ħadd ieħor kienux taw xi permess lil xi ħadd mill-imputati biex jieħu materjal minn dan il-*garage*, John A. Muscat jixhed li la huwa u l-anqas xi ħadd mill-familja tiegħu ma kienu taw permess lil ħadd biex jieħu l-materjal li hemm ġewwa l-fabbrika bħala *scrap*.

18. John A. Muscat ġie muri r-ritratti biex minnhom jagħraf l-oġġetti meritu tal-każ. Huwa għaraf *evaporator*. Minnhom kien hemm sitta fil-kamra u dawn kienu jintużaw biex jitfgħu l-kesħa. **Huwa ma jafx kemm kien il-valur tagħhom dawn l-*evaporators* illum**; iżda għalih kellhom valur ta' *scrap*. Jgħid li dawn għandhom xi valur in kwantu jkollhom il-*copper* ġewwa; iżda għalih dawn l-oġġetti ma kellhomx valur. **Huwa ma kienx jaf kemm kienu jiswew dawn l-oġġetti tletin sena ilu**. Jgħid pero li dawn ma setgħux jintużaw aktar; u għajr ħlief għall-materjal tal-*copper* ġewwa fihom, dawn l-oġġetti ma kellhomx valur. Dil-fabbrika kienet ilha mitluqa mill-1985 u riċentement kienu qabdu lil xi kuntrattur biex jibda jżarma kollox li kien hemm ġo fiha. Huma kienu sejrin jarmu dawn l-affarijiet li kienu f'dan il-*garage*.

19. Xhud ieħor huwa Stephen Cachia, rappreżentant ta' *Transport Malta* li kkonferma li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAP 986 kienet reġistrata f'isem Emanuel Mallia, karta tal-identita bin-numri

433444M u li kienet ilha reġistrata hekk sa mill-5 ta' Marzu 1992. Il-liċenza tagħha kienet skadiet fil-31 t'Ottubru 2017.

***Ikkunsidrat***

20. Illi dwar l-ewwel imputazzjoni din il-Qorti ma temminx li l-appellanti kienu jinsabu f'din il-fabbrika biss u sempliċiment biex jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom. Qabel xejn il-Pulizija ġew infurmati li kien hemm xi nies li daħlu f'din il-fabbrika permezz ta' telefonata li, skont PS1257, kienet saret għall-ħabta tal-16:00. Sakemm il-Pulizija organizzaw ruħhom, qabdu l-karozza u marru fuq il-post kienu għaddew diversi minuti tant li PS1257 jgħid li huma waslu fuq il-post għall-ħabta tal-16:30. Kif waslu hemm PS1257 jixhed li sema' l-ħsejjes ta' tkaxkir ta' metall; imbagħad kemm PS1257 kif ukoll PC1216 jgħidu li Keith Joseph MALLIA beda jgħid li huwa kellu bżonn faċenda u kien għadu ma għamilhiex. Fil-fatt Keith Joseph MALLIA għamel l-awrina **<u>wara</u>** li l-Pulizija kienu laħqu waslu fuq il-post u sabuh hemm ġew.

21. Meta daħlu fil-*garage* il-Pulizija sabu wkoll lil Mario MALLIA f'rokna, fuq pellet tal-injam, qiegħed bil-qalziet imniżżel u anke dan stqarr li kellu bżonn jagħmel *toilet*. Skont PS1257 Mario MALLIA wkoll jirriżulta li għamel l-awrina, iżda PS1257 ma rax ħmieġ fejn kien Mario MALLIA wara li lesta. Kemm Mario MALLIA kif ukoll PC1216 jgħidu li Mario MALLIA għamel użu minn *tissue*. Mario MALLIA jgħid li huwa kellu l-ħmieġ tiegħu f'dik it-*tissue* li wara li nforma lil PC1216 remiha b'kollox. PC1216 jikkonferma li Mario

MALLIA qallu li kellu din it-tissue bil-ħmieġ, iżda hu ma kienx jaf x'fiha ġewwa. PC1216 qal lil Mario MALLIA biex jarmi t-*tissue* wara xi ħajt.

22. Għalkemm il-provi juru li l-appellanti għamlu l-awrina u xi wieħed minnhom forsi anke ftit aktar minn hekk, din il-Qorti ma temminx li din kienet il-vera raġuni għaliex huma daħlu f'din il-fabbrika abbandunata. Dan jingħad għaliex biex bniedem jagħmel il-bżonnijiet naturali tiegħu ma joqgħodx jistenna madwar nofs siegħa u jagħmel li għandu jagħmel wara li jkun għadda dak l-ammont ta' ħin twil. Aktar u aktar jekk PS1257 u PC1216 qablu li semgħu lil Keith Joseph MALLIA jgħid li huwa ma setgħax jistaporti.

23. Kieku verament l-appellanti kellhom biss dawn il-bżonnijiet naturali u nzertaw kienu barra mid-dar tagħhom setgħu jew jerħulha lura lejn id-dar tagħhom, jew isibu latrina fil-viċin jew xi post ieħor miftuħ għall-pubbliku fejn ikunu jistgħu jinqdew. Dil-Qorti ssibha diffiċli temmen li, jekk verament kienu għadhom ġejjin mid-dar tagħhom f'Ħal-Għaxaq, biex jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom kellhom imorru f'din il-fabbrika fi Triq Troubridge. Qabel xejn din mhix xi triq prinċipali. Viċin ta' din il-fabbrika, u b'mod aktar ċentrali, kien hemm diversi postijiet oħra fejn persuna setgħet tmur tagħmel il-bżonnijiet tagħha. Aktar u aktar jekk, Mario MALLIA fl-istqarrija tiegħu jgħid li l-akbar urġenza kienet dik ta' missieru, in kwantu hu kien jistaporti. Kieku din l-istqarrija kienet vera, Keith Joseph MALLIA, maqsum kif jgħid li kien, ma kellux bżonn ħafna ħin biex jagħmel l-awrina. U meta tqabbel mal-ħin li daħlet l-aħbar

lill-Pulizija li kien hemm xi nies qegħdin jippruvaw jisirqu minn din il-fabbrika sakemm waslu l-Pulizija fuq il-post, jiġifieri li kienu għaddew madwar nofs siegħa, żgur li ħadd minnhom ma kellhomx għalfejn idumu madwar nofs siegħa jistennew qabel ma jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom. Li kieku verament marru f'dak il-post għalbiex jistrieħu mill-bżonnijiet naturali tagħhom setgħu daħlu, għamlu u ħarġu minn hemm f'qasir żmien. Dan pero ma sarx.

24. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' PS1257 illi meta waslu l-Pulizija fuq il-post, il-bieb tal-*garage* tal-fabbrika kien magħluq bil-fildiferru. Jiġifieri l-appellanti, meta daħlu b'dawn is-suppost urġenzi naturali, ħadu l-briga li jagħlqu l-bieb warajhom, jiġifieri b'biċċa fildiferru. Dan naturalment sar sabiex min ikun qiegħed barra ma jintebaħx li hemm xi ħadd ġewwa. Dan id-dettall ikompli jikkonferma li l-appellanti ma daħlux hemm ġew għall-għarrieda biex jistrieħu mill-bżonnijiet naturali tagħhom.

***Ikkunsidrat***

25. Wieħed mill-argumenti tal-appellanti huwa li l-appellanti ma jistgħux jiġi misjuba ħatja tar-reat ta' tentattiv ta' serq kwalifikat in kwantu l-oġġetti in kwistjoni li kien hemm f'dak il-*garage* kienu *res derelictae*. Din il-Qorti taqbel mad-dottrina u ġurisprudenza assodata kemm lokalment kif ukoll fil-Kontinent li min japproprija ruħu minn *res nullius* jew *res derelictae* ma jintegrax ir-reat ta' serq. Jekk persuna tapproprija ruħha min oġġett li jkun instab f'ċirkostanzi li juru li dak l-oġġett kien abbandunat minn sidu ma

tistax titqies li tkun wetqet ir-reat tas-serq. Mill-banda l-oħra jekk, fil-mument tal-att t'approprijazzjoni ċ-ċirkostanzi jkunu juru li l-oġġett ikun *res aliena* u għalhekk li jkun hemm persuna li tkun għadha tippossjedi dan l-oġġett f'dak il-mument, allura l-persuna li tapproprija ruħha minn dan l-oġġett mhux tagħha, mingħajr dritt fuqu u mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oġġett.

26. Biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa *res derelictae* dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minħabba l-post fejn ikunu jinstab oġġett jew minħabba l-qagħda u l-kondizzjoni tiegħu, wieħed jista' jifhem li dan l-oġġett ma kienx abbandunat, iżda li jista' jkun hemm xi ħadd li jkun għadu, b'xi mod, jippossjedih jew li għandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd għal dak l-oġġett tapproprja ruħha minnu, din tkun passibbli għar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruħha mir-responsabbilta għar-reat ta' serq ta' dan l-oġġett, hi trid turi li ċ-ċirkostanzi ġenwinament ġegħluha temmen li l-oġġett li kienet approprijat ruħha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oġġett ma jappartjeni lil ħadd. Dan peress li biex oġġett jitqies li jkun abbandunat u li għalhekk ma hu ta' ħadd, irid jintwera li l-oġġett kien abbandunat minn sidu b'mod li ċ-ċirkostanzi jkunu juru li sidu neħħa minn idejh il-pussess tal-oġġett u li jkun irrinunzja għall-jedd ta' sid fuq l-istess oġġett. Jekk dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżultawx allura jkun jista' jikkonfigura r-reat ta' serq. Dan peress

li l-element formali fir-reat tas-serq teħtieġ l-għarfien tal-aġent li japproprija ruħu, ossija jikkontretta dolożament il-proprjeta ta' ħaddieħor. Huwa biss l-iżball ġenwin li jista' jitnissel meta ċ-ċirkostanzi jkunu juru, b'mod ċar u inekwivokabbli li l-oġġett kien abbandunat minn sidu jew li l-oġġett kien jappartjeni lilu, li din l-intenzjoni ma titqiesx integrata. Eżempju li juri meta jista' jkun hemm dan l-iżball ġenwin huwa meta l-oġġett ma jittieħedx bil-moħbi, jew inkella meta dak li jkun ma jippruvax jaħbi li huwa ħa dak l-oġġett.

27. F'dan il-każ huwa minnu li tela' jixhed John A. Muscat li stqarr li l-fabbrika kienet ilha ma tintuża mill-1985 u li antikament kienet tintuża bħala *cold stores*, negozju tal-familja tiegħu, f'isem kumpanija li huwa kien azzjonist ta' ħamsin fil-mija (50%) bil-kumplament tal-ishma jkunu ta' ħuh. Jgħid li huwa kien mar fil-fabbrika kien madwar xi erba' jew sitt xhur qabel u li kienu applikaw biex iwaqqgħu dan il-fond u jerġgħu jibnuh. Jgħid li dan il-fond kien jingħalaq b'bieb li ma kienx jissakkar iżda li kien jingħalaq b'biċċa fildiferru u li għalih l-affarijiet li kien hemm ġewwa kienu *scrap*. Għal dan ix-xhud ic-*chillers* jew kif isejħilhom hu *evaporators* ma setgħux jintużaw aktar u kellhom valur ta' *scrap* u l-valur li setgħa kellhom kien dovut għar-ram li jkun fihom ġewwa. **<u>Għalih</u>** dawn l-oġġetti ma kellhomx valur. Fil-fatt riċentement kienu qabdu lil xi kuntrattur biex jibda' jżarma kollox li kien hemm ġo fiha. L-affarijiet li kien hemm ġo fiha huma **<u>kienu sejrin</u>** jarmuhom. Biss la huwa u l-anqas xi ħadd mill-familja tiegħu (mistoqsija tal-Qorti "pero' intom tajtuh xi permess") ma kienu taw

permess lil ħadd biex jieħu l-materjal li hemm ġewwa l-fabbrika bħala *scrap*.

28. Fil-fehma ta' din il-Qorti iċ-ċirkostanzi li jdawru lill-oġġetti mobbli li kien hemm fil-fabbrika de quo ma jistgħux raġonevolment iwaslu għall-konklużjoni li dawn kienu *res derelictae*. Veru li ġie pruvat li l-fabbrika ma kienetx għadha tintuża bħala *cold stores* kif ukoll li l-oġġetti li kien hemm fiha ma kienux aktar utilizzabbli. Iżda ġie pruvat ukoll li dawn l-oġġetti li kien hemm ġewwa kienu għadhom hemmhekk, minkejja t-trapass taż-żmien. Ġie pruvat li anke jekk mhux użata, din il-fabbrika kienu ħallewlha bieb, li kien jingħalaq b'biċċa fildiferru. Anke jekk dan ma kienx jissakkar, kien xorta waħda **bieb li jingħalaq u li kien jinżamm magħluq**. Dan kien sinjal ċar għal kulħadd li l-aċċess għal din il-fabbrika u għal dak li kien hemm fiha - anke jekk il-fabbrika u dak li kien hemm fiha ma kienux għadhom jintużaw - kien **aċċess magħluq għal dawk li ma kellhomx jedd jidħlu fil-fabbrika**. L-intenzjoni tas-sidien tal-fabbrika jidher ċar li kien li ma jħallux nies mhux awtorizzati minnhom li jidħlu fiha.

29. Wara dan il-bieb tal-fabbrika, li kien baqa' jingħalaq, kien għad hemm oġġetti mobbli u oħrajn imwaħlin mal-ħitan, li għalkemm mhux użati, kienu għadhom ma ġewx maqlugħa u mormija minn sidhom. Kif jgħid John A. Muscat, dawn l-oġġetti ma kienux għadhom jaħdmu u għalih ma kellhomx valur, għajr ħlief għar-ram ta' ġo fihom. Iżda fl-aħħar mill-aħħar la hu u l-anqas ħuh ma kienu għadhom ramew jew iddisponew minn dawk l-oġġetti li kien

hemm hemm ġew. Jista' jkun li l-intenzjoni ta' John A. Muscat kienet dik li dawn jintremew. Iżda sa' dakinhar ta' meta l-appellanti daħlu fil-fabbrika dawk l-*evaporators* kienu għadhom hemm u ma ġewx mormija. U dak il-bieb tal-garage *cream*, magħluq bil-fildiferru, għal min ma kienx jaf x'kienet l-intenzjoni ta' John A. Muscat, kien raġjonevolment iwassal persuna ordinarja biex tikkonkludi li dak li setgħa kien hemm ġewwa kien għadu ma ġiex mormi jew abbandunat. Altrimenti ma kienx ikun hemm għalfejn jitħalla l-bieb magħluq, jew l-oġġetti ta' ġo fih jitħallew ġewwa.

30. Anke minn kliem John A. Muscat innifsu jirriżulta li għalkemm l-oġġetti li kien hemm fil-fabbrika **għalih** ma kellhomx valur, oġġettivament xorta waħda kien għad għandhom xi valur ekonomiku in kwantu kien ikun fihom ir-ram; u r-ram iġib il-flus.

31. Inoltre jirriżulta li John A. Muscat ma kienx **waħdu** s-sid tal-istess fabbrika u l-oġġetti li hemm fiha. Qal li ħuh kien ukoll sid in komun miegħu. Biss għalkemm din il-Qorti taf kif jaħsibha John A. Muscat dwar l-oġġetti li kien hemm fil-fabbrika, ma tafx jekk ħuh kienx jaħsibha bħalu – jiġifieri jekk dak li kien hemm fil-fabbrika kellux xi valur għalih jew le.

32. Irrispettivament minn dan, jibqa' l-fatt li dawn l-oġġetti ma kienux misjuba f'ċirkostanzi li juru li sidhom ried jeħles minnhom jew li abbandunahom u dan peress li dawn l-oġġetti kienu għadhom imwaħlin ġewwa l-fabbrika, bil-bieb miżmum magħluq. Inoltre John A. Muscat innifsu jistqarr illi għalkemm kellu l-intenzjoni li

jqabbad kuntrattur biex jikklerja kollox, huwa kien għadu ma għamilx dan ix-xogħol. Jiġifieri huwa kien għadu jippossjedi dawn l-oġġetti u bl-ebda mod ma spossessa ruħu minnhom.

33. Imbagħad mill-lenti soġġettiva tal-appellanti, kif intqal aktar il-fuq, iċ-ċirkostanzi li fihom dawn l-oġġetti kienu jinstabu, ma kienux tali li juru, oġġettivament, li sidhom abbandunahom. Dan jingħad għaliex dan il-bieb tal-*garage* cream kien jinżamm magħluq, għalkemm mhux imsakkar.

34. Inoltre, dik kienet proprejta privata u l-oġġetti kienu jinsabu ġewwa kienu proprjeta privata, li kellhom il-protezzjoni - fiżikament fjakka iżda psikoloġikament b'saħħitha - ta' bieb li kien jinżamm magħluq. Ebda persuna ma kellha jedd taqbad u tidħol fi ħwejjeġ ħaddieħor - fi proprjeta privata, mingħajr awtorizzazzjoni ta' sidha - aktar u aktar biex tisraq oġġetti li jkunu jinsabu ġewwa tali fond li, għalkemm ma kienx għadu jintuża, ma kienx abbandunat fis-sens tal-Liġi.

35. L-oġġetti li kien hemm f'dan il-fond kienu għadhom possjeduti mis-sidien tagħhom, anke jekk l-intenzjoni ta' dawn is-sidien irriżultat li kienet, *ex post facto*, li jarmuhom minn hemm ġew. Iżda minkejja li kienu ilhom hemm ġew madwar tletin sena, l-istess oġġetti kienu għadhom ma ramewhomx u kienu ħallewhom hemm. Għalhekk kienu għadhom taħt il-kustodja tagħhom, fi proprjeta tagħhom, u in kwantu tali dawn l-oġġetti li kienu jinstabu ġewwa kienu għadhom suġġetti għall-protezzjoni legali bażata fuq il-patt soċjali tar-rispett lejn il-proprejta ta' ħaddieħor. Dan jirrifletti wkoll

wieħed mill-kardini tal-*bene giuridico* salvagwardat bl-ispeċifikazzjoni tas-serq bħala reat kriminali, jiġifieri l-ħarsien tal-partimonju privat, liema dritt huwa wkoll imħares kostituzjonalment u konvenzjonalment.

36. Minħabba dawn ir-raġunijiet l-appellanti ma jistgħux jgħidu li huma kienu soġġetti għal xi żball ġenwin li jxejjen il-*mens rea*. Iżda hemm ukoll fatturi oħra li jindikaw li l-appellanti ma kienux soġġetti għal żball ġenwin u li jindika li huma kienu konvinti li l-oġġetti ma kienux *res derelictae* : -

(a) meta daħlu fil-fabbrika, huma ħadu ħsieb li jqegħdu lura l-fildiferru li kellu l-bieb b'mod li meta waslu l-Pulizija PS1257 kellu jkebbeb il-fildiferru biex setgħa jidħol ġewwa. Dan ifisser li meta huma daħlu f'din il-fabbrika, huma għamlu dan kemm jista' jkun bil-moħbi tant li ma ħallewx il-bieb miftuħ iżda ħasbu biex jerġgħu jagħlqu l-bieb kif kien ikun magħluq bil-fildiferru, b'mod li min ikun ma jagħtux fil-għajn. Li kieku dawn l-oġġetti kienu abbandunati u mitluqa ma kienx ikollhom għalfejn jagħmlu l-bieb f'posizzjoni magħluqa; iżda li kieku veru l-oġġetti kienu mormija jew abbandunati huma setgħu jeħduhom minn hemm mingħajr problemi, alla luce del sole, u mingħajr preokkupazzjoni li jarahom xi ħadd. Fi ftit kliem ma kienx ikun hemm għalfejn jieħdu ħsieb jagħlqu l-bieb warajhom ukoll.

(b) Apparti, kif kellhom dritt jagħmlu, l-appellanti ma xehdux. Keith Joseph MALLIA, kif ukoll kellu dritt li jagħmel, ma wieġebx għal mistoqsijiet relattivi għal-dak li kien qiegħed

jagħmel fil-fabbrika. Mill-banda l-oħra Mario MALLIA jgħid li huma kienu daħlu fil-fabbrika biex jagħmlu *toilet*. Ħadd minnhom ma qal li huma daħlu hemm ġew biex jieħdu l-oġġetti mormija u abbandunati li kien hemm fil-*garage*.

(c) Skont ix-xiehda ta' PS1257 u PC1216 hekk kif kien ġewwa u lemaħ lil Keith Joseph MALLIA **dan qallu li kellu bżonn faċenda u li kien hemm waħdu**. Jekk PS1257 jitwemmen meta jgħid li semgħa lil Keith Joseph MALLIA jgħid dan, irriżulta li Keith Joseph MALLIA ma qalx is-sewwa għaliex miegħu, aktar il-ġewwa, kien hemm ukoll Mario MALLIA. Kieku verament kienu qegħdin jieħdu ħwejjeġ mormija u abbandunati, kellu bżonn allura Keith Joseph MALLIA jigdeb mal-Pulizija, bit-tir li jipproteġi lill-ibnu? Jekk kif jargumentaw l-appellanti l-oġġetti hemm ġew kien abbandunati, l-appellant Keith Joseph MALLIA ma kienx ikollu għalfejn jgħid kelma b'oħra. Kieku kienu qegħdin hemm ġew bis-sew, setgħa jgħid b'wiċċu bil-quddiem li hemm ma kienx waħdu iżda li kien hemm ibnu Mario wkoll miegħu. Iżda fil-kuxjenza tiegħu Keith Joseph MALLIA kien jaf li ma kienx qiegħed hemm ġew bis-sew. B'hekk irrikorra għall-gidba.

37. Dawn huma wħud mill-fatturi li l-Professur Mamo jsemmi fin-Noti tiegħu bħala indikaturi oħra dwar jekk persuna tkunx taħt żball ġenwin meta Qorti tiġi biex tqis il-fatturi identifikattivi tal-*mens rea*

fir-reat ta' serq u b'mod partikolari fejn tkun invokata d-difiża tar-*res derelictae*.

38. Illi mistqarr dan kollu din il-Qorti tqis li f'dan il-każ ma tistax tilqa' l-argument li l-*evaporators* kienu *res derelictae*.

***Ikkunsidrat***

39. Illi stabbilit li din il-Qorti mhix konvinta mill-argument tad-Difiża li l-oġġetti li kienu jinsabu fil-fabbrika de quo setgħu raġonevolment jitqiesu bħala *res derelictae*, imiss issa li tqis jekk l-appellanti kienux involuti fir-reat tat-tentattiv ta' serq kwalifikat bil-mezz, valur, u ħin.

40. Kif intqal aktar il-fuq din il-Qorti tqis inverosimili l-verżjoni mogħtija minn Mario MALLIA li hu u missieru daħlu fil-fabbrika de quo jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom. Kif intqal aktar il-fuq it-telefonata anonima li xi ħadd kien qiegħed jipprepara biex jisraq mill-fabbrika de quo daħlet għand il-Pulizija għall-ħabta tal-1600 mentri l-Pulizija marru fuq il-post nofs siegħa wara. U kif waslu l-Pulizija ż-żewġt appellanti kienu għadhom ma għamlux il-bżonnijiet tagħhom u għamluhom waqt li kien hemm il-Pulizija preżenti. Inoltre, l-post fejn kien hemm il-fabbrika ma kienx wieħed passaġġ jew triq prinċipali fejn wieħed jgħaddi minn hemm u forsi jitfa' mal-ġenb. Kienet triq li trid tasal għaliha. Apparti minn hekk meta daħlu fil-fabbrika biex suppost, jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom ħadu ħsieb li mhux biss ibexqu l-bieb, iżda li jqegħdulu l-fildiferru

kif kien qabel ma fetħuh – b'mod li mal-wasla tal-PS1257 dan kellu jkebbeb il-*wire* biex ikun jista' jidħol ġewwa. Din hija evidenza ċirkostanzjali importanti ħafna li meta tingħaqad max-xiehda ta' PS1257 u PC1216 tikkorrobora dak li qalu dawn l-Aġenti tal-Pulizija.

41. PS1257 jixhed li mal-wasla tiegħu fuq il-post fi Triq Troubridge, f'Albert Town, il-Marsa, huwa ra li kien hemm bieb ta' *garage* li kien jingħalaq b'biċċa fildiferru u huwa kellu jkebbeb dan il-*wire* biex setgħa jidħol ġewwa. Minn ġewwa semgħa ħsejjes ta' tkaxkir. Kif daħal ġewwa, ħareġ Keith Joseph MALLIA, li qallu li kienet qabditu faċenda u li kien waħdu hemmhekk. PS1257 daħal iktar il-ġewwa u sab li kien hemm ukoll Mario MALLIA li kien f'rokna, qiegħed kokka fuq pellet tal-injam bil-qalziet imniżżel u ħdejn Mario MALLIA, mal-art, kien hemm *chiller*. Mas-saqaf kien hemm xi sitta oħra. Ħdejn dan iċ-*chiller* li kien mal-art huwa ra' grif li deher frisk u kien hemm żewġ dbabar ta' likwidu li kien ħiereġ mill-*pipes* li kellu dan iċ-*chiller* li kien mal-art. PS1257 jgħid ukoll li fuq barra kien hemm vann tal-marka Isużu KB aħmar, li huwa kien jaf li dan il-vann kien jużah Keith Joseph MALLIA – għalkemm dan kien jirriżulta reġistrat fuq missieru Emanuel Mallia. Fuq il-post ma sab ebda għodda. Huwa minn naħa tiegħu ma għamilx tiftix fil-vann.

42. Dan ix-xhud jikkonferma li meta wasal fuq il-post huwa semgħa biss ħsejjes ta' tkaxkir – f'dan il-*garage* li kien vojt għajr ħlief għal erba' pellets tal-injam, *chiller* mal-art u ħamsa oħra imwaħlin mal-ħajt. Huwa jikkonferma li l-ħoss ta' tkaxkir li semgħa ma kienx ta'

pellet tal-injam iżda kien ħoss ta' metall jitkaxkar mal-art u li t-tkaxkira kienet eżatt mat-tarf taċ-*chiller* li kien mal-art. Keith Joseph MALLIA kien madwar xi sitt passi l-bogħod minn dan iċ-*chiller*. Għalkemm huwa ma ċaqlaqx dan iċ-*chiller* u hu ma kienx jaf x'ħoss jagħmel dan iċ-*chiller* meta jiġi mċaqlaq; u kien jaf jagħraf id-differenza bejn ħoss ta' ċaqlieq ta' biċċa injama u ħoss ta' ċaqlieq ta' ħadid.

43. PC1216 Svetlic Stellini jikkorrobora ħafna x-xiehda ta' PS1257. Għalkemm huwa ma semgħax il-ħsejjes ta' tkaxkir għax kien xufier u ried li jmur jipparkja l-vettura tas-servizz, huwa ra li l-bieb tal-*garage* kulur *cream*. Huwa jikkonferma li kien hemm *chiller* mal-art u li kien hemm ukoll sinjali friski kif ukoll dwawar ta' ilma jew żejt ħiereġ minnu. Fil-pront ħareġ Keith Joseph MALLIA li qalilhom li kien qiegħed hemm għax ried jagħmel *toilet* u ma felaħx iżomm aktar u qal li kien waħdu hemm ġew. Dak il-ħin Keith Joseph MALLIA kien għadu ma bediex jagħmel il-bżonnijiet tiegħu.

44. PC1216 jgħid ukoll li f'rokna minnhom kien hemm Mario MALLIA li kien qiegħed fuq pellet bil-qalziet imniżżel u li kien qiegħed jagħmel il-bżonnijiet tiegħu. Wara li stennewhom ilestu l-bżonnijiet tagħhom huma ġew arrestati. Qalulhom li kienu hemmhekk bil-vettura tagħhom – vann tal-marka Isużu, li kien imsakkar. Keith Joseph MALLIA għalaq il-vann u wara li għalqu l-bieb tal-*garage* bil-wire, tellgħuhom l-Għassa tal-Pulizija. Dax-xhud għaraf ir-ritratti li kienu juru l-pellet tal-injam li fuqu kien hemm Mario MALLIA, kif ukoll ir-ritratt taċ-*chiller* li kien xi ħames metri l-bogħod.

Ikkonferma wkoll il-grif li kienu saru u li kienu pjuttost friski kif ukoll id-dwawar li kienu ħerġin miċ-*chiller*.

45. Meta din il-Qorti taqra din ix-xiehda flimkien, hija tqis ruħha konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li l-appellanti daħlu fil-fabbrika *de quo* bl-intenzjoni li jisirqu effetti mobbli minnha. Kif ġie mistqarr diversi drabi minn dawn il-Qrati, in materja ta' serq, dawn il-Qrati laqgħu, straħu fuq u applikaw it-tifsira tas-serq skont il-Carrara jiġifieri *la contrettazzione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro*. Dawn il-Qrati abbraċċjaw ukoll it-tifsira tal-*contrectatio* kif mistqarra mill-istess Carrara u li skontha, is-serq ikun kompletat mal-mument li l-ħalliel ikun qiegħed idu fuq l-effett mobbli li huwa jkun irid jisraq u jkun ċaqlaq dak l-oġġett bil-ħsieb li huwa jneħħieh u jieħdu miegħu lil hemm mill-post fejn kien jinstab u fejn sidu jkun ħallieh.

46. Il-Professur Mamo jisħaq illi skont din l-interpretazzjoni ta' Carrara li tħadnet minn dawn il-Qrati :

> Theft is completed and not merely attempted although the thing removed from the palce where the owner left it, is put by the thief in some other place in the same room.[1]

47. Illi stando ma dak abbraċċjat minn dawn il-Qrati relattiv għas-serq, il-Prosekuzzjoni setgħet saħansitra xliet lill-appellant bis-serq kunsmat u mhux biss b'dak tentat.

[1] Notes on Criminal Law, Volume 3, paġna 273.

48. Illi kwantu għall-aggravju relattiv għall-mezz din il-Qorti rat li mix-xiehda ta' PS1257 u PC1216 jirriżulta li l-bieb tal-*garage* kien jingħalaq bil-mezz ta' fildiferru. Biex PS1257 setgħa jiftaħ dan il-bieb, huwa jgħid li kellu jkebbeb dan il-*wire.* John A. Muscat jgħid li dan il-bieb ma kienx jissakkar, għalkemm kien jingħalaq b'biċċa fildiferru. Ma kienx hemm xi sokor partikolari biha din il-fildiferru u b'hekk kull min ikebbibha setgħa jiftaħ dan il-bieb. Jiġifieri biex wieħed setgħa jakkwista aċċess għal dan il-fond, huwa ried, b'xi mod ikebbeb dan il-fildiferru li kien intiż li jżomm il-bieb tal-fabbrika magħluq, għalkemm mhux imsakkar.

49. Issa skont l-artikolu 263 tal-Kodiċi Kriminali, is-serq huwa kwalifikat bil-mezz meta jsir **bi ksur** ta' ġewwa jew ta' barra. Ma jirriżultax li f'dan il-każ kien hemm użu ta' mfietaħ foloz jew skalata. It-tifsira tal-kelma **ksur** fl-artikolu 264 tal-Kodiċi Kriminali tinkludi t-tgħawiġ ta' qofol jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li biex PS1257 u l-Pulizija li kellu miegħu setgħu jidħlu fil-fond in kwistjoni huwa kellu **jkebbeb** il-*wire* biex setgħa jidħol. Iżda f'dan il-każ ma hemmx prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar **kif kien normalment imqiegħed dan il-fildiferru b'mod li jżomm il-bieb tal-*garage* milli jinfetaħ**.

50. Għalkemm John A. Muscat jixhed li dan il-bieb kien qiegħed magħluq b'biċċa fildiferru, huwa ma jispjegax **kif** din il-fildiferru kien jitqiegħed u kif kien iservi biex iżżomm il-bieb milli jinfetaħ. B'hekk mhux soddisfaċentement ippruvat li l-appellanti għamlu

azzjoni ta' **tgħawiġ** ta' qofol jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint. Għalhekk dan l-aggravju jitqies li ma ġiex soddisfaċentement ippruvat.

51. Illi kwantu għall-aggravju tal-ħin jirriżulta li t-telefonata anonima waslet lill-Pulizija għall-ħabta tal-1600 u l-Pulizija marru fuq il-post għall-ħabta tal-1630 tat-22 ta' Novembru 2017. B'hekk jirriżulta li meta bdiet l-azzjoni da parti tal-appellanti sakemm waslu l-Pulizija kien għadu l-ħin ta' wara nofsinhar li f'dak iż-żmien ta' Novembru, ix-xemx tkun **waslet** biex tinżel – iżda tkun għadha ma niżletx u jkun għadu ma waqgħax id-dlam. Dan l-aggravju għalhekk ukoll ma jirriżultax soddisfaċentement ippruvat.

52. Illi kwantu għall-aggravju tal-valur jirriżulta li skont ix-xhud John A. Muscat l-*evaporator* li kien jinsab mal-art[2] ma kienx għadu jaħdem u li ma kellux valur għajr ħlief għal xi ram li kien fih ġewwa. Issa f'dan il-każ ma ġiex pruvat soddisfaċentement jekk kienx għad hemm ram f'dan l-apparat obsolet, u jekk kemm kien għad fadal fih xi ram x'valur setgħa kellu dan ir-ram. John A. Muscat ma kienx kapaċi jagħti informazzjoni dwar kemm kien il-valur tal-ħsara li huwa kien ser ibgħati bis-serq ta' dan l-*evaporator* fil-jum tas-serqa. L-anqas ma jirriżulta li ġie mqabbad xi espert tekniku biex jevalwa l-valur ta' dan l-*evaporator*, jew almenu l-valur tar-ram li jkun jista'

[2] u li skont PS1257, hekk kif wasal hu instema' jitkaxkar mal-art – tant li ħalla marki ta' tkaxkir taħtu li kemm hu kif ukoll PC1216 jgħidu li deher li kien frisk u kien hemm ukoll dbabar ta' żejt li wkoll dehru friski ħerġin mill-pipes tal-istess evaporator, u li kif daħal isib ġewwa l-fond biss lill-appellanti.

jinstab fih. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tqisx li tista' hi tistrieħ fuq l-esperjenza tal-ħajja tagħha u l-għarfien tagħha f'dan il-qasam in kwantu l-informazzjoni dwar dan l-*evaporator* obsolet, il-partijiet u l-komponenti tiegħu x'kienu u l-valur rispettiv tagħhom, in kwantu dawn huma għal kollox neqsin mill-provi f'dan il-każ. Din il-Qorti għalhekk tqis li din il-kwalifika tal-valur l-anqas ma ġiet soddisfaċentement ippruvata f'dan il-każ.

53. Dan qiegħed jingħad ukoll in kwantu mix-xiehda ta' PS1257 jirriżulta li fuq il-post l-appellanti ma jirriżultax li kellhom magħhom għodod jew attrezzi dediti għall-qlugħ jew qtugħ. B'hekk l-anqas ma jista' jittieħed il-valur komplessiv tal-oġġetti l-oħra kollha li kien hemm fil-fond in kwantu għall-*evaporators* l-oħra li kien hemm fil-fond dawn kienu għadhom kollha imwaħlin mal-ħajt u mhux maqlugħa. Din il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif dawn setgħu jiġu maqlugħa u maqtugħa mingħajr għodda fuq il-post.

54. In definittiva dak li jirriżulta mill-ewwel imputazzjoni huwa fid-dawl ta' kif saret l-imputazzjoni mill-Prosekuzzjoni (it-tentattiv) tas-serq fil-forma sempliċi tiegħu.

***Ikkunsidrat***

55. Illi t-tieni imputazzjoni f'dan il-każ ma tistax tirriżulta. Ġaladarba ma ġietx soddisfaċentement ippruvata l-kwalifika tal-mezz b'xi wieħed mill-mezzi imsemmija mill-artikoli 264, 265 jew 266, l-anqas ma tista' tirriżulta t-tieni imputazzjoni. Dan peress li wieħed mill-

elementi ta' dan ir-reat imsemmi mill-artikolu 330 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li d-dħul fid-dar jew f'lok ieħor jew f'reċint **iseħħ b'wieħed mill-mezzi imsemmijin fl-artikoli 264, 265 jew 266 tal-Kodiċi Kriminali.** F'dan il-każ id-dħul fil-fabbrika de quo ma jirriżultax li saret b'wieħed minn dawn il-mezzi u b'hekk dan ir-reat ma jistax jitqies integrat fil-konfront tal-appellanti.

*Ikkunsidrat*

56. Illi kwantu għar-reat ta' ħsara volontarja ai termini tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li l-appellanti daħlu fil-fond in kwistjoni biex jagħmlu serq. Iżda ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li biex għamlu dan kienu huma li għamlu xi ħsara volontarja fil-fond jew fil-bieb jew fil-qofol ta' dan il-bieb.

*Ikkunsidrat*

57. Ir-raba' imputazzjoni hija dik ta' pussess mhux ġustifikat ta' flus, oġġetti, eċċ., meta kienu ġa ikkundannati għal serq jew għal riċettazzjoni bi ksur tal-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni resqet provi permezz ta' kopji awtentiċi ta' sentenzi mogħtija kontra l-appellanti li juru li huma kienu ġew, qabel dan il-każ, ikkundannati għar-reat ta' serq.[3] Fix-xiehda ta' PS1257 u PC1216 ma jirriżultax li fil-fabbrika l-appellanti kellhom fuqhom jew ħdejhom xi għodda jew attrezzi użati fis-serq. Iżda,

[3] Ara inter alia s-sentenzi eżebiti a fol 94, 99 u 106.

għalkemm PS1257 ma għamilx tiftix fil-vann dak il-ħin, mix-xiehda tal-Ispettur Hubert Cini f'paġni 49 u 50 huwa jgħid li **wara li ordna li l-vann jittieħed fil-Compound tal-Pulizija** u taw riċevuta *lis-Sur Mallia, filvan ghamilna search u sibna mannara zghira, tliet hbula, plier u sealer, dawk biss li sibna.*

58. Verament illi l-irċevuti li ġew eżebiti a fol 52 u 53 ma ġewx konfermati mill-Aġenti tal-Pulizija li ħarġu dawk l-irċevuti. Iżda din il-Qorti ma għandhiex għaliex tiddubita mix-xiehda tal-Ispettur Cini dwar il-preżenza u l-konsapevolezza tiegħu relattivament għal dak li nstab fil-vann de quo. Mannara u *plier* jistgħu jitqiesu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, bħala għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, fis-sens tal-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali. Mill-istqarrija ta' Mario MALLIA jirriżulta illi hu u missieru kien marru f'dak il-post bil-vann bin-numru tar-reġistrazzjoni JAP986 u kienu telqu mid-dar tagħhom f'Ħal-Għaxaq bih flimkien. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-appellanti, jew min minnhom, provda kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandhom f'dak iż-żmien. Dan ir-reat għalhekk jirriżulta integrat.

***Ikkunsidrat***

59. Illi Keith Joseph MALLIA waħdu ġie wkoll mixli li saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAP 986 tal-għamla Isuzu meta kellha l-liċenza skaduta bi ksur tal-artikoli 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta nonche r-regolament 13 tal-Liġi Sussidjarja 368.02.

60. Din minnha nnifisha hija imputazzjoni ingarbuljata li fiha tinkludi aktar minn ipoteżi ta' reat wieħed. Pero apparti l-aspetti proċedurali li hi vitma tagħhom, ħadd mill-Uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post jew xhieda oħra ma stabbilew **min** kien qiegħed isuq il-vann dakinhar tas-serqa. PS1257 jgħid li huwa kien jaf li dan il-vann kien jużah Keith Joseph MALLIA, iżda ma jgħidx li dakinhar kien **qiegħed isuqu** Keith Joseph MALLIA.

61. F'paġna 16 tal-istqarrija ta' Mario MALLIA jirriżulta li qal li dan il-vann saqu fil-post missieru. Biss skont l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, konfessjoni – bħal ma hi stqarrija rilaxxjata lill-Pulizija - ma tagħmilx prova għajr ħlief kontra min jagħmilha u ma tistax tkun ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

62. Apparti minn hekk mix-xiehda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta jirriżulta li dan il-vann huwa reġistrat f'isem Emanuel Mallia, li jiġi missier Keith Joseph MALLIA.

63. Din l-imputazzjoni għalhekk ma ġietx soddisfaċentement ippruvata.

*Ikkunsidrat*

64. Keith Joseph MALLIA ġie wkoll mixli li kkommetta r-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża datata 13 ta' Mejju 2015 per Maġistrat Dottor Neville Camilleri kif estiża b'sentenza datata 19 ta' Lulju 2016 mill-Maġistrat Dottor Francesco Depasquale. Mill-provi

prodotti jirriżulta li l-Prosekuzzjoni eżebiet kopja awtentika taż-żewġ sentenzi li minnhom tirriżulta pruvata l-identita tal-istess appellant grazzi għan-numru uniku identiku tal-karta tal-identita. Biss ma ġiex pruvat mill-Prosekuzjoni jekk, fil-mument meta ikkommetta r-reat de quo dawn is-sentenzi kienux appellati jew kienux *res judicata* kontra tiegħu. B'hekk ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li r-reat ġie kommess matul il-perjodu operattiv tas-sentenza ta' priġunerija sospiża. Biex dan ikun jista' jiġi ritenut li seħħ huwa meħtieġ ukoll li l-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li meta seħħ ir-reat de quo, dan seħħ fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża li kienet finali.

***Ikkunsidrat***

65. Keith Joseph MALLIA ġie mixli wkoll li kiser il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilu b'digriet :

- tal-Maġistrat Dottor Neville Camilleri tal-4 ta' Marzu 2013;
- tal-Maġistrat Dottor Carol Peralta tat-22 ta' Lulju 2015;
- tal-Maġistrat Dottor Gabriella Vella tat-3 ta' Diċembru 2015;
- tal-Maġistrat Dottor Audrey Demicoli tat-12 ta' Jannar 2016;

66. Issa din il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni eżebiet kopji awtentiċi tad-digrieti relattivi. Biss mill-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni ma

ġiex soddisfaċentement ippruvat li l-identita tal-persuna imniżżla f'dawn il-kopja tad-digrieti hija fil-fatt identika għall-identita tal-persuna tal-appellant odjern. Ma nġiebet ebda prova li tikkonferma din l-identiċita – bħal per eżempju bix-xiehda tal-Uffiċjali Prosekuturi fil-kawżi fejn kien ingħata d-digriet tal-ħelsien mill-arrest, jew billi ġew eżebiti dokumenti mill-proċess relattiv u li kienu juru li l-persuna mogħtija l-ħelsien mill-arrest f'dawk il-proċeduri kellha ġeneralita' u għalhekk identita identika mal-imputat appellant f'dan il-każ. Peress li kienet il-Prosekuzzjoni li għażlet li tixli lill-appellant b'dan ir-reat, kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni bi provi legalment ammissibbli. Din il-Qorti mhix qegħdha hemm biex tasal għal konklużjonijiet ta' ħtija billi tassumi jew tissoponi li l-identita tal-persuna imniżla fil-kopja awtentika tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest hija identika għal dik tal-imputat li jkollha għall-ġudizzju quddiemha. Din il-Qorti ma tista' tassumi xejn. Tiddeċiedi fuq il-provi sottomessi. Jekk dawk il-provi jkunu neqsin, allura din il-Qorti ma tistax tissuplimentahom b'assunzjonijiet jew supposizzjonijiet tagħha.

67. Minbarra din il-kwistjoni tan-nuqqas ta' prova tal-identiċita' tal-identita tal-imputat appellant ma' dik tar-rikorrent fuq id-digriet tal-ħelsien mill-arrest, hemm imbagħad ostaklu ieħor. Il-Prosekuzzjoni, għalkemm preżentat id-digrieti relattivi naqset milli tikkonferma li, fil-jum meta ġie kommess ir-reat de quo il-kawża li fiha jkun ingħata d-digriet tal-ħelsien mill-arrest relattiv kienet għadha subjudice, li d-digriet konċedenti l-ħelsien mill-

arrest kien għadu fis-seħħ, u li l-azzjoni inkriminata kienet bi skur ta' tali kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet.

68. Għall-darb'oħra, din il-Qorti ma tista tassumi xejn. Jispetta lill-Prosekuzzjoni turi li meta ġie kommess ir-reat, l-istess reat seħħ ukoll waqt li kien hemm kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu għadhom jorbtu lill-ġudikabbli. Jekk dik il-prova hija nieqsa, l-Qorti ma tistax tissupplimentaha bl-assunzjonijiet tagħha.

***Ikkunsidrat***

69. Illi kwantu għall-addebitu tar-reċidiva, f'dan il-proċess mhux kull sentenza eżebita a kariku tal-appellant setgħet tkun rilevanti u setgħet titqies legalment ammissibbli bħala prova in reċidiva. Dan għar-raġunijiet segwenti :

i. Is-sentenza li hija datata "16 ta' Jannar 2011" hija pależament nulla in kwantu d-data hija *ictu oculi* żbaljata. Biss biss id-data ta' dik is-sentenza tippreċedi d-data tal-kommissjoni tar-reat, nonche kienet data li fiha l-Maġistrat sedenti kienet għadha ma ġietx elevata għall-Ġudikatura.
ii. Illi għalkemm ġiet eżebita s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 16 ta' Marzu 2011 fejn l-appellant ġie kundannat għal sentejn u nofs priġunerija u multa ta' €2330, jirriżulta wkoll li ġiet eżebita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 15 ta' Frar 2012 li eventwalment ħasret dik il-kundanna u illiberat lill-appellant mill-ħtija u piena. B'hekk tali liberatorja ma tistax titqies għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva.

iii. Illi kwantu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar is-26 ta' Marzu 2014 jirriżulta li dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati u kkundannatu tnax il-xahar priġunerija sospiżi għal sentejn flimkien ma multa ta' ħames mitt euro. Ma ġiex pruvat jekk il-multa imposta kienetx ġiet skontata jew maħfura – element meħtieġ għall-fini tal-applikabbilita tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. L-anqas ma ġie pruvat jekk din is-sentenza kienetx *res iudicata* jew taħt appell fil-jum tal-kommissjoni tad-delitti – meħtieġ sabiex l-istitut tar-reċidiva jkun jista' jitqies integrat.

iv. Is-sentenza datata 13 ta' Mejju 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li r-reat in disamina seħħ fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiża u bis-saħħa tal-artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali dik il-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura – u mill-atti ma ġie pruvat xejn minn dan. L-anqas ma ġie pruvat jekk din is-sentenza kienetx *res iudicata* jew taħt appell fil-jum tal-kommissjoni tad-delitti.

v. Fis-sentenza datata 19 ta' Lulju 2016 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx jekk u meta l-multa imposta kienetx skontata jew maħfura. L-anqas ma ġie pruvat jekk din is-sentenza kienetx *res iudicata* jew taħt appell fil-jum tal-kommissjoni tad-delitti.

vi. Finalment ġiet eżebita kopja ta' sentenza datata 17 ta' Jannar 2017 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fejn l-appellant ġie kundannat għal sitt xhur priġunerija. L-anqas hawn ma ġie

pruvat jekk din is-sentenza kienetx *res iudicata* jew taħt appell fil-jum tal-kommissjoni tad-delitti.

Minkejja dan kollu pero mis-sentenzi eżebiti jirriżulta li l-appellant huwa reċidiv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat***

70. Illi minn naħa tiegħu Mario MALLIA waħdu ġie mixli wkoll talli kiser ordni ta' *probation* mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza datata 11 ta' Marzu 2015 per Maġistrat Dottor Anthony Vella. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi rilevanti għall-fini ta' din l-imputazzjoni u b'hekk din ma ġietx soddisfaċentement ippruvata.

***Ikkunsidrat***

71. Illi Mario MALLIA ġie wkoll mixli li kkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrat b'sentenza datata 12 ta' Jannar 2017 per Maġistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni eżebiet kopja awtentika ta' din is-sentenza minn fejn jirriżultaw il-konnotati identiċi tal-appellant. Biss ma ġiex pruvat jekk din is-sentenza kienetx *res iudicata* jew taħt appell fil-jum tal-kommissjoni tad-delitti.

72. Mario MALLIA ġie wkoll mixli li kiser il-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lilu b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fit 12 ta' Jannar 2016 per Maġistrat Dottor Audrey Demicoli. Issa din il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni eżebiet kopja awtentika tad-digrieti relattivi. F'dan il-każ, a differenza ta' dak li għamlet qabel, il-Prosekuzzjoni resqet dokumenti oħra mill-atti tal-kawża biex bihom rabtet l-identita tal-appellant ma dik tar-rikorrent f'dawk l-atti. Fil-fatt a fol 126 u 127 jirriżultaw li huma maħruġa f'isem Mario MALLIA li għandu l-istess karta tal-identita bħal dik li ġiet eżebita f'dawn l-atti. Il-Qorti hija sodisfatta mill-identita. Biss anke hawn il-Prosekuzzjoni, għalkemm preżentat id-digrieti relattivi naqset milli tikkonferma li, fil-jum meta ġie kommess ir-reat de quo il-kawża li fiha jkun ingħata d-digriet tal-ħelsien mill-arrest relattiv kienet għadha subjudice, li d-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest kien għadu fis-seħħ, u li l-azzjoni inkriminata kienet bi skur ta' tali kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet. Għall-darb'oħra, din il-Qorti ma tista tassumi xejn. Jispetta lill-Prosekuzzjoni turi li meta ġie kommess ir-reat, l-istess reat seħħ ukoll waqt li kien hemm kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu għadhom jorbtu lill-ġudikabbli. Jekk dik il-prova hija nieqsa, l-Qorti ma tistax tissupplimentaha bl-assunzjonijiet tagħha.

***Ikkunsidrat***

73. Mario MALLIA ġie mixli wkoll li huwa rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Ġiet eżebita

sentenza awtentika tal-Qorti tal-Maġistrati datata 12 ta' Jannar 2017 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dottor Joseph Mifsud u oħra tal-istess data presjeduta mill-Maġistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo. Is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Mifsud kienet ikkundannat lill-appellant għal perjodu ta' *probation*. Is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Farrugia Frendo kienet sabet lill-appellant ħati u kkundannatu għal perjodu ta' ħmistax il-xahar sospiżi għal sentejn. Ma ġiex pruvat mill-Prosekuzzjoni jekk din is-sentenza kienetx għaddiet in ġudikat jew kienetx soġġetta għal appell fid-data tar-reat inkriminat. Inoltre anke jekk kienet ġudikat, bis-saħħa tal-artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali dik il-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura – u mill-atti ma ġie pruvat xejn minn dan.

B'hekk anke Mario MALLIA jista' jitqies reċidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

## *Decide*

Għaldaqstant wara li rat l-artikoli 17, 23, 28A, 28B, 28C, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 265, 266, 267, 270, 284, 287, 289, 330, 325(1)(c), 383, 384, 385, 533, 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 3(1)

tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament 13 tal-L.S. 368.02, kif ukoll l-artikolu 7, 22, 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda ssib :

(A) lil Keith Joseph MALLIA ħati biss tal-ewwel imputazzjoni (mingħajr il-kwalifiki tal-mezz, ħin u valur) kif ukoll tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-perjodu ta' ħames (5) xhur priġunerija filwaqt li tilliberah mill-kumplament tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi.

(B) lil Mario MALLIA ħati biss tal-ewwel imputazzjoni (mingħajr il-kwalifiki tal-mezz, ħin u valur) kif ukoll tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-perjodu ta' ħames (5) xhur priġunerija filwaqt li tilliberah mill-kumplament tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi.

Illi kwantu għat-talba sabiex il-Qorti tikkundanna lil ħatja wkoll għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li f'dan il-każ ma kienx hemm ħatriet t'esperti u b'hekk din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

Stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova soddisfaċentement li l-appellanti jew min minnhom kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tiċħad it-talba biex tordna r-revoka tal-għoti tal-benefiċċju tal-

ħelsien mill-arrest, li tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputati kif ukoll li tordna li s-somom bħala depożiti u garanziji personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi kwantu għat-talba sabiex dil-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAP 986 ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, mill-provi jirriżulta li din il-vettura hija reġistrata f'isem missier l-appellant Keith Joseph MALLIA. Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar id-9 ta' Diċembru 1949 mill-Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Guzeppi Vella et***, ġie deċiż li t-trakk li kien ġie konfiskat jiġi meħlus mill-effetti tal-konfiska fil-każ li kien jirriżulta li mart l-appellant kellha jedd ta' nofs indiviż fuqu in kwantu ġie deċiż li hija kellha jedd sod. Fis-sentenza ta' din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar is-16 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Caruana***, ġie deċiż li konfiska tista' ma sseħħx jekk jiġi pruvat li jkun għad hemm jedd ta' terz fuq l-oġġett konfiskand kif ukoll li dak it-terz ma jkunx għadu ħa sehem fid-delitt de quo. F'dan il-każ ġie pruvat fuq bażi ta' probabbilita li l-vann in kwistjoni huwa reġistrat fuq Emanuel Mallia, missier Keith Joseph MALLIA u li ma kellu ebda rabta mar-reati in kwistjoni. Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi din il-Qorti mhix qegħda tordna l-konfiska tal-istess vann.

Illi kwantu għat-talba biex il-Qorti tipprovdi għas-sigurta ta' John Muscat ai termini tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, tilqa' l-istess u sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' John Muscat tqiegħed lill-

appellanti Keith Joseph MALLIA u Mario MALLIA taħt obbligazzjoni personali għal perjodu ta' sena taħt penali t'elfejn euro (€2000).

***Aaron M. Bugeja,***
***Imħallef***